# DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE
## Nru 188/2012
## tat-28 ta' Settembru 2012
## li temenda l-Anness XXI (Statistika) għall-Ftehim ŻEE

IL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE,

Wara li kkunsidra l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, kif emendat mill-Protokoll li jaġġusta l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "il-Ftehim", u b'mod partikolari l-Artikolu 98 tiegħu,

Billi:

(1) L-Anness XXI għall-Ftehim kien emendat bid-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 120/2012 tal-15 ta' Ġunju 2012 [1].

(2) Id-Deċiżjoni Delegata tal-Kummissjoni 2012/186/UE tat-3 Frar 2012 li temenda d-Direttiva 2009/42/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-prospetti statistiċi fir-rigward tat-trasport ta' merkanzija u passiġġieri bil-baħar [2] għandha tiġi inkorporata fil-Ftehim,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

L-inċiż li ġej għandu jiżdied fil-punt 7b (id-Direttiva 2009/42/KE) tal-Anness XXI għall-Ftehim:

"— **32012 D 0186**: id-Deċiżjoni Delegata tal-Kummissjoni 2012/186/UE tat-3 ta' Frar 2012 (ĠU L 101, 11.4.2012, p. 5)."

*Artikolu 2*

It-testi tad-Deċiżjoni ta' Delega 2012/186/UE bil-lingwa Islandiża u dik Norveġiża, li għandhom jiġu ppubblikati fis-Suppliment taż-ŻEE ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, għandhom ikunu awtentiċi.

*Artikolu 3*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-29 ta' Settembru 2012, sakemm in-notifiki kollha skont l-Artikolu 103(1) tal-Ftehim ikunu saru lill-Kumitat Konġunt taż-ŻEE (*).

*Artikolu 4*

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi ppubblikata fit-Taqsima taż-ŻEE ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* u fis-Suppliment taż-ŻEE tiegħu.

Magħmul fi Brussell, it-28 ta' Settembru 2012.

*Għall-Kumitat Konġunt taż-ŻEE*

*Il-President*

Atle LEIKVOLL

---

[1] ĠU L 270, 4.10.2012, p. 43.

[2] ĠU L 101, 11.4.2012, p. 5.

(*) L-ebda rekwiżiti kostituzzjonali ma huma indikati.